MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR. SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2014
Numru. 781/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**KURT MARIO BEZZINA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Kurt Mario Bezzina, ta' 25 sena, bin Mario u Monica nee' Scicluna, imwieled Pieta, fit-13 ta' Awwissu, 1988 u joqghod f’3A, Garden Residence, Triq in-Nutar Zarb, Attard, detentur tal-karta tal-identita' numru 397488(M):

Gie akkuzat talli f'xi granet, f’Novembru 2011 u wara, f’dawn il-Gzejjer;

1) approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u li kienet giet fdata lilu minhabba professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni kariga jew servizz, jew minhabba depositu necessarju, u cioe’ hlasijiet ta’ assikurazzjoni, ghad-dannu ta Stephen Pace b’valur li jeccedi l-

elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal- akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li l-ammont dovut lill-parte civile Stephen Pace rigwardanti dan il-kaz hu ta' (€2850).

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Kurt Mario Bezzina, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u l-fedina penali tal-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Kurt Mario Bezzina ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Kurt Mario Bezzina jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tobbliga lill-imputat Kurt Mario Bezzina ihallas lill-parte civile Stephen Pace is-somma ta' elfejn, tmien mija u hamsin Ewro (Ewro 2850) bhala ammont dovut mill-imputat lill-parte civile Stephen Pace rigward dan il-kaz u dan fi zmien sitt (6) xhur millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Kurt Mario Bezzina l-ispjegazzjonijiet preskritti fis-sub-artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------